**Ħadd il-Palm u l-Passjoni tal-Mulej**
Il-Ħadd 10 ta' April 2022

# Aħbar Tajba



Is 50, 4-7
S 21, 8-9.17-20.23-24
Fil 2, 6-11
Lq 22, 14-23.56

**"Hosanna! Imbierek min ġej f'isem il-Mulej! Imbierka s-Saltna** li ġejja ta' David missierna. Hosanna fl-ogħla tas-smewwiet!"

Meta kont żgħir dan il-Ħadd kont nistennieh ħafna. Aparti milli kien ifisser li ġejjin il-vaganzi, tgħidx kemm kont inkun nistenna l-purċissjoni. Ħa nispjega ruħi aħjar. Mhux għax meta kont tifel żgħir kienu jogħġbuni l-purcissjonijiet. Imma l-mixja ta' Ħadd il-Palm kienet speċjali, għax kont niftakar meta darba bla ħsieb spiċċajt nirkeb l-imbierka ħmara!

Kull sena, il-kappillan kien iġib ħmara mill-uniku bidwi li kien għad fadal ir-raħal. Dan kien jagħmlu biex joħloq ambjent jixbah lil dak ta' Ġesù. Kien jintgħażel tifel żgħir biex jirkeb il-ħmara u mbagħad aħna nimxu warajhom sal-knisja. Imma miskin dak it-tifel żgħir kien marid dakinhar, u s-superjur tal-MUSEUM għażilni biex noqgħod minfloku għax kont mort kmieni biex nilħaq l-itwal palma. U hekk flok qgħadt inxejjer il-palma jien, spiċċajt kulħadd ixejjer il-palm lejja!! U nzertajt f'xi żewġ ritratti wkoll. Tgħidx kemm ħadt gost fuq il-ħmara. F'qalbi bdejt nistaqsi: "Min jaf x'ħass Ġesù?" Għax bħal-lum kulħadd kien qed jifraħ bih… imma Hu kien jaf li l-istorja kienet se tinbidel mil-lejl għan-nhar sa tmiem il-ġimgħa. F'Ħadd il-Palm kulħadd jgħajjat "Hosanna, bin David," imma ftit jiem oħra kulħadd se jkun qed jgħajjat "Sallbu, sallbu." Imma xorta ma qatax qalbu Ġesù. Kien jaf li dan kollu kien se jwassal għal rebħa kbira. Imma niftakarni wkoll nistaqsi għaliex għażel ħmara?

Għax għalina l-ħmara ma tantx tgawdi post sabiħ. Xi ħadd li ma tantx jitgħallem ngħidulu ħmar. Imma fi żmien Ġesù l-ħmar kien annimal onorat! Il-ħmar kien annimal li jnissel sens ta' paċi kontra ż-żiemel li kien annimal assoċjat mal-gwerra. Il-profeta Żakkarija, ħafna snin qabel, kien ħabbar li l-Messija kellu jidħol Ġerusalemm fuq ħmara. Għalhekk, meta Ġesù daħal fuq ħmara kien qed jgħid żewġ affarijiet importanti. L-ewwel li hu kien tassew il-Messija, u t-tieni kien qed juri x'tip ta' messija kien: mhux wieħed li jġib il-gwerer, imma wieħed li jġib il-paċi. Għax ħafna kienu qed jistennew Messija li jibda rivoluzzjoni u jiġġieled lir-Rumani.

Imma Ġesù jurina li n-nar ma tirbaħlux b'aktar nar! U jekk tipprova, tiskopri li tkun għamilt qerda ferm ikbar. Bl-istess mod il-għlied u l-gwerer ma tirbħilhomx b'aktar għlied u gwerer, imma bil-paċi. Ġesù ried iġib il-paċi vera u kien lest jagħmel kollox biex iwassal dan, anke jmut fuq salib.

## Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.**

ĠESU`, ĠERUSALEMM, BETFAĠE, BETANJA, ŻEBBUĠ, DIXXIPLI, FELU, MULEJ, TRIQ, FERĦ, SULTAN, FARIŻEJ, ĠEBEL.

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| B | E | T | A | N | J | A | Ġ | A | R |
| E | Ż | E | B | B | U | Ġ | E | S | U` |
| T | I | S | D | U | Ġ | F | R | U | P |
| F | A | R | I | Ż | E | J | U | L | O |
| A | S | T | X | E | B | IE | S | T | Ż |
| Ġ | V | GĦ | X | Ċ | E | V | A | A | L |
| E | T | R | I | Q | L | N | L | N | F |
| Ż | G | B | P | M | U | L | E | J | E |
| A | F | E | L | U | P | I | M | A | R |
| P | O | Q | I | B | M | E | M | A | Ħ |



# IT-TRIQ TAS-SALIB

Għin lil Ġesù jasal mingħand Pilatu sal-Kalvarju biex hemm jirbaħ il-ġlieda kontra l-ħażen.



## Sib id-differenza

**Ħares sewwa lejn dawn l-istampi u sib 6 dettalji li huma differenti.**








Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.




**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**
**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**
www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web




**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq
**Aħbar Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com

**AĦBAR TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.

mediacentre YOUTHEME FOUNDATION